*Talbiet f'Rikors Guramentat*

*Talba ghar-rexxissjoni nieqsa*

*Art 789(1)(c) tal-Kap 12*

*Nullita tar-Rikors Guramentat*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 972/2017/LSO**

**Saviour Cassar I.D.321748(M)**

**vs**

**Joseph Vella I.D.638463(M) u Josephine Vella I.D.418766(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Saviour Cassar datat 24 ta’ Ottubru 2017 fejn espona: -

Illi huwa ghandu bi qbiela, minn ghand il-Gvern ir-razzett, msejjah “Donfarm", flimkien mar-raba’ maghrufa bhala 'Ta' Bajada', f’Hajt il-Wied, fiz-Zejtun, bir-rata ta' €13.97 fis-sena pagabbli lil Joint Office, il-Baviera.

Illi, fl-4 ta' Jannar tal-2001, huwa kien ghadda l-pussess b'tolleranza ta' dan ir-razzett lill-intimati biex dawn igawdu l-istess minghajr ma jikkawzawlu hsara.

Illi dan kien sar dikjaratament minghajr ebda konsiderazzjoni.

Illi sussegwentement l-intimati, barra li ghamlu xi zvilupp fir-raba’ bla ebda permess mill-Awtorita` kompetenti, ikkawzaw hsara konsiderevoli fl-istess raba’ u b'hekk qed jipperikolaw it-titlu li ghandu l-esponenti fuq dan l-immobbli.

Ghaldaqstant huwa jitlob bir-rispett din l-Onorabbli Qorti biex :-

1. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mir-razzett f’Hajt il-Wied, msejjah 'Donfarm', u r-raba’ Ta' Bajada', fil-limiti taz-Zejtun;

2. U dana wara li tillikwida d-danni kkawzati mill-intimati, u;

3. Tikkundannhom ihallsu l-istess danni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali ta' Frar tal-2017, u dik Bonarja tas-27 ta' Dicembru 2016.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph (I.D. no. 638463M) u Josephine (I.D no. 418766M) konjugi Vella datata l-1 ta' Dicembru 2017 (fol 15) fejn Joseph Vella (I.D. no. 638463(M) bil-gurament tieghu kkonferma :-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija monka u insostenibbli billi l-attur naqas milli jipproponi talba, li hija essenzjali ghall-azzjoni tieghu, kif impostata minnu. L-attur ma talabx lil din l-Onorabbli Qorti tirrexxindi l-iskrittura datata l-erbgha (4) ta' Jannar 2001 (Dok. A anness mar-Rikors Guramentat) permezz ta' liema l-istess attur assenja u ttrasferixxa lill-eccipjenti *'kull dritt ta' qbiela jew kull dritt iehor li jista' jkollu'* fuq l-ghalqa u r-razzett *de quo,* izda talab unikament l-izgumbrament tal-eccipjenti u l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni allegatament ikkawzati mill-istess eccipjenti. Illi t-talbiet promossi mill-attur, huma talbiet konsegwenzjali li jistghu jigu kunsidrati unikament wara illi tinghata decizjoni dwar ir-rexissjoni *o meno* tal-iskrittura *de quo,* ossia wara li jigi stabbilit min verament igawdi titolu ta' qbiela fuq ir-razzett u l-ghalqa *de quo,* decizjoni li ma tista' qatt tinghata fil-proceduri odjerni, *stante* li ma gietx mitluba mill-attur fir-Rikors Promotur;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, it-talbiet attrici huma insostenibbli *stante* illi l-attur m'ghandux *locus standi* sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna u dan *stante* illi huwa assenja u ttrasferixxa t-titolu ta' qbiela illi huwa kellu fuq ir-razzett u l-ghalqa *de quo* lill-eccipjenti *tramite* l-iskrittura datata l-erbgha (4) ta' Jannar 2001 (Dok. A anness mar-Rikors Guramentat) u ghaldaqstant huwa m'ghandu l-ebda titolu fuq l-ghalqa *de quo* u wisq izjed m'ghandux jedd li jippromwovi azzjoni dwar l-istess;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, it-tieni premessa kontenuta fir-Rikors Guramentat hija assolutament inveritiera *stante* li kif jirrizulta mill-iskrittura annessa mar-Rikors Guramentat u mmarkata Dok. A, l-attur kien assenja u ttrasferixxa kull dritt ta' qbiela li huwa kellu fuq ir-razzett u l-ghalqa *de quo* lill-eccipjenti u ghaldaqstant mhuwiex minnu illi l-attur kien *'ghadda l-pussess b'tolleranza'* lill-eccipjenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, it-tielet premessa kontenuta fir-rikors guramentat hija wkoll inveritiera;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-ewwel talba attrici ghall-izgumbrament tal-eccipjenti mir-razzett u l-ghalqa *de quo* ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur u

dan *stante* illi l-eccipjenti ghandhom titolu ta' qbiela fuq l-istess razzett u ghalqa *de quo,* liema titolu gie assenjat u trasferit lilhom mill-istess attur;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, b'konsegwenza tal-eccezzjoni precedenti, ir-rimanenti talbiet attrici, ossia t-talbiet tnejn (2) u tlieta (3), ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez *stante* li galadarba sehh it-trasferiment, l-attur m'ghandux dritt jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas tal-allegati danni meta l-attur m'ghandux drittijiet fuq l-ghalqa u r-razzett mertu ta' din il-kawza;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti t-talbiet numru tnejn (2) u tlieta (3) huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda *stante* n-nuqqas ta' talba specifika ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita`;

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, kif ser jigi pruvat fil-mori tal-proceduri odjerni, mhuwiex minnu illi l-eccipjenti ghamlu zvilupp minghajr il-permessi relattivi fir-raba' *de quo* u/jew li kkawzaw hsara konsiderevoli fl-istess raba'. Illi ghaldaqstant it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur;

9. Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-eccipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur u b'rizerva ghal azzjonijiet ohra spettanti lill-eccipjenti kontra l-istess attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 8 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Dr Thomas Abela ddikjara li t-talbiet f'din il-kawza huma mibnijin fuq it-tezi li l-iskrittura bejn il-partijiet ma tistax titwettaq u dan jimpingi fuq il-validita` tal-istess skrittura. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Michael Grech u Dr Thomas Abela, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Michael Grech prezenta nota *seduta stante* u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in parte* ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m. u fi zmien ghaxart (10) ijiem min dan il-verbal id-difensuri tal-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' referenzi bil-visto/notifika tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota tal-konvenuti ipprezentata fid-19 ta' Frar 2018 u tal-attur ipprezentata fis-26 ta' Frar 2018.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn gie sollevat li din l-azzjoni hija improponibbli

ghaliex ma saritx talba sabiex l-iskrittura esebita mar-rikors promotur tigi rexissa jew dikjarata nulla.

*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni attrici hija monka u insostenibbli billi l-attur naqas milli jiproponi talba, li hija essenzjali ghall-azzjoni tieghu, kif impostata minnu. L-attur ma talabx lil din l-Onorabbli Qorti tirrexindi l-iskrittura datat l-erbgha (4) ta' Jannar 2001 (Dok A anness mar-rikors guramentat) permezz ta' liema l-istess attur assenja u ttrasferixxa lill-eccipjenti 'kull dritt ta' qbiela jew kull dritt iehor li jista' jkollu fuq l-ghalqa u r-razzett de quo, izda talab unikament l-izgumbrament tal-eccipjenti u l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni allegatament ikkawzati mill-istess eccipjenti. Illi t-talbiet promossi mill-attur, huma talbiet konsegwenzjali, li jistghu jigu kkunsidrati unikament wara illi tinghata decizjoni dwar ir-rexissjoni o meno tal-iskrittura de quo, ossia wara li jigi stabbilit min verament igawdi titolu ta' qbiela fuq ir-razzett u l-ghalqa de quo, decizjoni li ma tista' qatt tinghata fil-proceduri odjerni, stante li ma gietx mitluba mill-attur fir-rikors promotur.*

**Il-fatti** li jemergu mir-rikors guramentat huma s-segwenti.

Illi r-rikorrenti kien igawdi titolu ta' qbiela ir-razzett "Donfarm" u r-raba' maghrufa bhala "Ta' Bajada" f'hajt il-Wied, iz-Zejtun, minghand il-Gvern, ossija l-Joint Office. Jirrizulta, li permezz ta' ftehim esebit bhala Dok A mar-rikors promotur, huwa kien ittrasferixxa t-titolu tal-qbiela lill-intimati. Permezz ta' din l-azzjoni hu qed jipprocedi ghall-izgumbrament tal-intimati minn din ir-raba' billi ppremetta li kien ghaddilu r-raba' b'mera tolleranza.

Illi t-tezi tal-konvenuti hija fis-sens li *in vista* tal-iskrittura ezistenti bejn il-partijiet datata nhar il-4 ta' Jannar 2001 l-ewwel irid jigi stabbilit jekk dik l-iskrittura hiex valida. Illi gie sottomess li kemm-il darba r-rikorrent qed jivvanta titolu ta' qbiela, kwindi jrid jipprocedi biex il-ftehim esebit bhala **Dok A** jigi rexiss, jew annullat.  Gie sostnut ukoll, li ghalkemm it-trasferiment fl-imsemmi kuntratt ghadu ma giex rikonoxxut mill-Joint Office, l-iskrittura *de quo*, torbot lill-partijiet f'din il-kawza.

Min-naha l-ohra, r-rikorrent sostna li t-titolu ta' qbiela ghadu f'ismu u li huwa kien marbut b'kondizzjoni mill-Joint Office, li ma jistax jitrasferixxi t-titolu ta' qbiela, ghalhekk qed jikkontendi l-illegalita` tal-iskrittura imsemmija datata 4 ta' Jannar 2001.

Ikkonsidrat li din hija kawza ghall-izgumbrament tal-konvenuti. Mill-premessi johrog li r-rikorrent qed jakkampa fuq it-terminazzjoni ta' pussess b'mera tolleranza. Din hija l-kawzali, pern tal-azzjoni tieghu. Ir-rikorrent itenni fil-premessi li permezz tal-iskrittura *de quo*, huwa kien ghadda l-pussess <u>b'tolleranza</u> ta' dan ir-razzett lill-intimati biex dawn igawduh minghajr ma jikkawzawlu hsara. Madankollu, meta wiehed jifli l-iskrittura esebita bhala prova ta' dan,  **Dok A** mar-rikors guramentat, wiehed isib dawn il-precizi kliem:

*"U bis-sahha tal-prezenti, l-imsemmi Salvatore Cassar qieghed jassenja u jitrasferixxi kull dritt ta' qbiela jew kull dritt iehor li jista' jkollu fuq l-ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Bajada', limiti Taz-Zejtun tal-kejl ta' circa disat itmiem.…..Dan it-trasferiment qieghed isir minghajr ebda konsiderazzjoni."*

Minn qari tal-iskrittura jirrizulta li r-rikorrent kien qed jitrasferixxi l-qbiela favur l-intimati, b'mod li soltu ssir cessjoni ta' kirja. Dan certament, ma jinkwadrax ma' dak sottolineat fil-pemessi dwar pussess b'tolleranza.

F'dan l-istadju din il-Qorti trid tistharreg biss l-eccezzjoni ta' insostenibbilita` tal-att gudizzjarju, kif promossa mill-konvenuti minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kwistjoni. Il-punt sollevat mill-konvenuti huwa fis-sens li l-iskrittura torbot lill-partijiet u tohloq l-effetti taghha *inter partes* diment li ma tigix rexxissa. Din it-talba hija mankanti ghal kollox. Anzi l-azzjoni odjerna kif ifformulata hija mibnija fuq premessa li hija totalment kontradetta mill-iskrittura li tivvinkola l-partijiet.

Illi l-kaz odjern jipprezenta sitwazzjoni fejn ghalkemm ma hemmx kunfliggenza bejn il-premessi u t-talbiet infushom, hemm kunfliggenza lampanti bejn l-azzjoni kif ifformulata u l-prova ewlenija esebita bhala **DOK A.**

Illi l-avukat difensur tal-intimati, fit-trattazzjoni ssolleva n-nullita` *ai termini* tal-artikolu **789 tal-Kap 12**, referibbilment ghall-fatt li l-intimati ma jistghux ikunu pregudikati minhabba t-talba kif impostata.

Illi in-nullita` tal-att gudizzjarji jinsab regolat **bl-artikolu 789 u 790 tal-Kap 12.**

**L-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli** jistipula li:

*1. L-eccezzjoni ta' nullita` ta' atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*a) jekk in-nullita` hija ddikjarat mil-ligi espressament;*
*b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
*c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi."*

*"Izda dik l-eccezzjoni ta' nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d), ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Illi kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Bernardette Gatt et vs Alessandro sive Sandro Cassano** ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fit-29 ta' Mejju 2015:

*"Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu ssegwenti:*

*• Il-kazijiet fejn tista' tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.*

*• Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.*

*• Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.*

*• Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.*

*• L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.*

*• Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni."*

*"Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi "**Fenech vs Grech"** (Prim' Awla, deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fl-24 ta' Settembru 2001), "**Licari vs Cassar**" (deciza mill-Imhallef R. C. Pace fit-12 ta' Dicembru 2001) u "**Aquilina vs Aquilina"** (A.C. deciza fil-21 ta' Marzu 1988)."*

Illi din il-Qorti tifhem li l-konvenuti qed jibbazaw din l-ewwel eccezzjoni fuq l-artikolu **789(1)(c) u (d).** F'dan il-kuntest, huwa relevanti l-kaz illi fil-kaz **Fenech vs Grech** sucitat, **il-Qorti fissret id-distinzjoni bejn is-subincizi 789(1)(c) u (d) :**

*"... Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u*

*mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta*[1]*; Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba (***art. 156 (1) (a) tal-Kap 12).** *Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha."*

Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza jekk tezistix inkorrettezza fl-att gudizzjarju u jekk din hijiex ta' natura gravi. Hekk kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, ma jfissirx li kwalunkwe nuqqas da parti tal-attur ghandu jigi mehud li jmur kontra d-dispost tal-ligi. Fil-fatt, biex att gudizzjarju jigi mwaqqaf irid ikun hemm raguni gravi u ghandu jigi ezaminat jekk l-att gudizzjarju ikunx zbaljat b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Inoltre l-att gudizzjarju jrid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu u mhux spezzettat.

Hekk kif gie ritenut fil-kaz **("K.B. Real Estate Ltd. vs Silvio Felice")**, P.A deciz fit-13 ta' Marzu 2003:

*"…..fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur…..".*

[1]Ara per ezempju, P.A.C.S.: 4.11.1988 fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri."**

F'dan l-istess kaz, kompla jinghad hekk:

*"……jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet…….".*

U fil-kaz (**"Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et" –** P.A. – 24 ta' Settembru 2001) intqal:

*"Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha."*

*"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet." (Ara wkoll **"Falzon vs Spiteri et"** P.A. deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii);* **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, (21 ta' April 1995); **Attard Michael vs Raymond Galea** (Appell Civili Superjuri 12 ta' Mejju 1998); **Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** (Appell Civili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

*"Illi, mal-medda tas-snin, issawret it-teorija maghrufa bhala "tal-ekwipollenti" li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega l-*

*ebda ghamla tassativa ta' forma ghall-proposizzjoni ta' azzjoni (**"M. Muscat nomine vs Dr. J. Cassar et nomine"** – P.A. 9 ta' Marzu 1965 – XLIX.ii.809) b'mod li citazzjoni ghandha titwaqqa' biss ghal ragunijiet gravi (**"R. Merola proprio et vs S. Caruso"** – A.C. 20 ta' Frar 1935 – XXIX.i.106)".*

F'nota ta' sottomissjonijiet, l-intimati ccitaw il-kaz **Demicoli Joseph vs Fix Ltd**, deciz mill-Qorti tal-Magistrati Malta, fl-4 ta' Gunju 2016, fejn gie ritenut, li l-ligi tipprovdi (Artikolu **789(1) (c)** li din l-eccezzjoni tintlaqa' fejn, ghalkemm il-ksur ma jkunx taht piena ta' nullita`, ikun gab lill-parti li ressqet l-eccezzjoni, pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux billi l-att jigi annullat. Difatti, f'dak il-kaz kien gie ritenut, li minn qari tar-rikors ma jirrizultax ir-*ratio legis*, b'hekk il-konvenut ghandu ragun ighid li l-att huwa null, ghax dan jista' jippregudika l-pozizzjoni tieghu.

Inoltre`, fl-istess nota tal-intimat, saret referenza wkoll ghall-kaz **Frendo noe vs Attard noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Gunju 1989, fejn gie ritenut, li jekk konsegwenza ta' nuqqas ta' kjarezza tal-kawzali u t-talbiet, il-konvenut jitqieghed f'diffikolta` biex jiddefendi l-kaz, ic-citazzjoni hija nulla.

Illi din il-Qorti tikkondividi l-principji enuncjati fil-kawzi sucitati. Ikkunsidrat, fil-kaz in ezami, li ghalkemm l-intimati qed jifhmu l-intenzjoni tar-rikorrent tramite t-talbiet tieghu, huma ser ikunu ippregudikati kemm-il darba ma tigix trattata l-kwistjoni dwar il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, esebit bhala Dok A. Dan l-element ta' pregudizzju ghall-

intimati fid-difiza taghhom, ifisser li l-azzjoni odjerna ma tistax tissokta billi jehtieg li l-ewwel jigi sorvolat il-punt dwar il-validita' tal-ftehim qabel issir il-procedura ghall-izgumbrament. Tali prova tkun tispetta lill-attur fil-kawza izda ma jsemmi mkien ic-cessjoni tal-qbiela, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet.

Huwa minnu li huwa principju assodat li l-Qorti, fl-ghoti tas-sentenza, tista' taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet u taghti dawk id-decizjonijiet li jwasslu ghat-talbiet dedotti, u dan anke jekk mhux mitluba specifikament. Dawk id-decizjonijiet li huma implicitament marbuta mal-kaz u mehtiega b'mod preliminari ghal fini tat-talba, jistghu jinghataw mill-Qorti bhala implicitament necessarji ghal konkluzjoni li trid tasal ghaliha. Kif qalet l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Testaferrata Abela vs. Azzopardi**, deciza fit-12 ta' Lulju 2007. "*Jista' allura jigri li kawzali, anke jekk mhux indikata, din f'certi kazi tkun hekk insita u involuta fid-domanda li ma hemmx bzonn li tigi espressa apparti".* Id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-atturi jaslu ghad-domanda taghhom m'hemmx bzonn li jsiru fir-rikors promotur taht forma ta' domandi ghax hu implicitu illi l-Qorti tista' taghti kull dikjarazzjoni mehtiega (ara f'dan is-sens **Sgueglia vs Meilaq,** deciza mill-Qorti t'Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri fit-2 ta' Ottubru 2008).

Illi izda, fil-kaz in disamina, it-talba misthoqqa ghar-rexxissjoni tal-ftehim mhix implicita fit-talba ghall-izgumbrament maghmula fir-rikors guramentat billi tali talba hija marbuta mal-kawzali ta' pussess b'mera tolleranza.

Mhix ghalhekk wahda fost dawk "*id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu u b'hekk ma jkunx hemm bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi*." (*Vide* **Squeglia vs Meilak** fuq citat u l-iskorta ta' gurisprudenza hemm trattata).

Fil-kaz odjern il-*causa petendi* kif imfissra fir-rikors guramentat hija mibnija fuq relazzjoni guridika bejn il-kontendenti ta' mera tolleranza, mentri minn qari tal-iskrittura annessa jidher lampanti li hemm relazzjoni guridika ben altru naxxenti minn ftehim ta' cessjoni ta' qbiela. Hemm kunflitt fondamentali bejn il-premessi u t-talbiet, min-naha wahda, u l-prova esebita min-naha l-ohra li hija parti integrali mir-rikors promotur. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali kunflitt huwa fatali ghas-sostenn tal-validita' tar-rikors promotur.

Ma jistax jinghad li l-prova mhix parti mill-kawzali billi hemm referenza cara ghall-iskrittura. Dan kollu johloq konfuzjoni u nebulosita' li mhuwiex sanabbli. Isegwi li l-konvenuti lanqas jistghu jiddefendu l-posizzjoni taghhom ghaliex mhuwiex car dak li qed isostni l-attur - jew ghandu dritt ta' qbiela, jew m'ghandux diment li l-iskrittura titqies li hija vigenti, jew, u hemm t-tielet ipotesi, ghalkemm l-iskrittura hija vigenti, mhix legalment sostenibbli minhabba id-divjet impost mis-sid (*Joint Office).*

Illi din il-Qorti ma tistax tistharreg u tindaga dwar kwistjonijiet li mhumiex imsemmija fil-kawzali u fit-talbiet tar-rikors promotur. Hi wkoll regola procedurali, sostenuta

mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossija, ir-raguni guridika tat-talba, *oltre* li ghandha tigi mfissra cara u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni.

Kwindi, din il-Qorti, fil-kaz in ezami, ma tistax titratta l-validita` *o meno* tal-iskrittura esebita mar-rikors promotur, proprju ghax m'hemm l-ebda accen ghal dan fil-kawzali u fit-talbiet tal-kaz taht ezami.

Illi l-avukat difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni, rrefera ghall-illegalita` ossija impediment li kellu r-rikorrent li ma setax jitrasferixxi l-qbiela kif fil-fatt ghamel permezz tal-iskrittura in kwistjoni. Referibbilment ghal dan l-aspett sollevat mill-istess rikorrent, dan ikompli jafferma li din il-materja ma tistax tigi diskussa u mistharrga fil-parametri tal-kawza hekk kif illum ifformulata.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespsot, din il-kawza kif istitwita, ma tistax tissokta billi hija nulla fit-termini fuq spjegati. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, u tiddikjara nulla l-kawza odjerna.

Konsegwentement, tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2018**